

Brussell, 23 ta' Marzu 2022
(OR. fr)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0082(NLE)

7434/22
ADD 1

PROBA 8
AGRI 112
WTO 45

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Marzu 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 117 final - Annexe
Suġġett:	ANNEX tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-emendi għall-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 117 final - Annexe.

Mehmuż: COM(2022) 117 final - Annexe



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.3.2022
COM(2022) 117 final

ANNEX

ANNEX

tal-

**Proposta għal
DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

dwar il-konklużjoni tal-emendi għall-Ftehim Internazzjonali dwar iż-Zokkor tal-1992

ANNEX

Il-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 ("il-Ftehim") huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 1

Objettivi

L-objettivi tal-Ftehim Internazzjonali dwar iz-Zokkor tal-1992 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "dan il-Ftehim"), fid-dawl tat-termini tar-riżoluzzjoni 93 (IV) adottati mill-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp, huma:

- (a) li tiġi żgurata kooperazzjoni internazzjonali msaħħa dwar il-kwistjonijiet dinjija taz-zokkor u tal-prodotti dolċifikanti kif ukoll dwar il-kwistjonijiet relatati, inkluż il-bijoenerġija u l-produzzjoni tal-fjuwil tal-etanol abbażi ta' għelejjel taz-zokkor;
- (b) li jiġi pprovdut qafas għall-konsultazzjonijiet intergovernattivi dwar is-swieq taz-zokkor u tal-prodotti dolċifikanti, kif ukoll dwar il-prodotti sekondarji tal-industrija taz-zokkor u l-fjuwil tal-etanol abbażi ta' għelejjel taz-zokkor;
- (c) li jiġi ffaċilitat in-negozjar billi tinġabar u tiġi pprovduta l-informazzjoni dwar is-suq dinji taz-zokkor u ta' prodotti dolċifikanti oħra, kif ukoll dwar il-bijoenerġija u l-fjuwil tal-etanol abbażi ta' għelejjel taz-zokkor;
- (d) li tithegġegħ żieda fid-domanda għaz-zokkor u għall-għelejjel taz-zokkor, b'mod partikolari għal użi mhux tal-ikel.";

(2) fl-Artikolu 23, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kunsill għandu jaħtar id-Direttur Eżekuttiv permezz ta' votazzjoni speċjali għal perjodu ta' erba' snin. Il-ħatra mill-Kunsill għandha sseħħ mill-inqas sitt xhur qabel il-bidu tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv. Il-Kunsill jista' jaħtar mill-ġdid lid-Direttur Eżekuttiv permezz ta' votazzjoni speċjali għal perjodu ieħor ta' erba' snin. Id-Direttur Eżekuttiv ma għandux jinħatar għal aktar minn żewġ mandati. It-termini speċifiċi tal-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv għandhom jiġu deċiżi mill-Kunsill.";

(3) L-Artikolu 25 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 25

Adozzjoni tal-baġit amministrattiv u kontribuzzjonijiet tal-Membri

1. Għall-fini ta' dan l-Artikolu, il-Membri għandu jkollhom 2000 vot.
2. (a) Kull Membru għandu jkollu għadd ta' voti, li għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-paragrafu 3 hawn taħt.
 - (b) L-ebda Membru ma għandu jkollu inqas minn sitt voti.
 - (c) Ma għandu jkun hemm l-ebda vot frazzjonat. L-ittondjar għandu jkun permess fil-proċess tal-kalkolu u biex jiġi żgurat li jiġi allokat l-għadd ta' voti totali.
3. Il-voti għandhom jiġu ddeterminati annwalment skont il-proċedura li ġejja: kull sena mill-2023 'il quddiem, fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-Annwarju taz-Zokkor mill-Organizzazzjoni Internazzjonali taz-Zokkor, l-għadd ta' voti għal kull Membru għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-indikaturi li ġejjin u l-ponderazzjoni relattiva tagħhom:

- għal 20 % tal-voti, l-attribuzzjoni tkun *pro rata* tas-sehem ta' dak il-membri fuq it-total tal-esportazzjonijiet tal-membri, flimkien ma'
- għal 20 % tal-voti, l-attribuzzjoni tkun *pro rata* tas-sehem ta' dak il-membri fuq it-total tal-importazzjonijiet tal-membri, flimkien ma'
- għal 20 % tal-voti, l-attribuzzjoni tkun *pro rata* tas-sehem ta' dak il-membri fuq it-total tal-produzzjoni tal-membri, flimkien ma'
- għal 20 % tal-voti, l-attribuzzjoni tkun *pro rata* tas-sehem ta' dak il-membri fuq it-total tal-konsum tal-membri, flimkien ma'
- għal 20 % tal-voti, l-attribuzzjoni tkun *pro rata* tas-sehem ta' dak il-membri fuq it-total tal-Fattur tal-Kapaċità ta' Ħlas (APF) tal-membri. L-APF huwa ekwivalenti għall-aħħar valutazzjonijiet ippubblikati dwar it-tqassim tal-ispejjeż tan-Nazzjonijiet Uniti.

L-għadd ta' voti ta' kull Membri għandu jiġi kkalkulat, għal kull wieħed mill-indikaturi ta' hawn fuq, bl-użu tal-medja ta' dak l-indikatur għall-aħħar ħames snin ippubblikata fl-aktar edizzjoni reċenti tal-Annwarju taz-Zokkor tal-Organizzazzjoni. Is-sehem ta' kull Membru fit-total tal-Membri kollha għall-indikaturi msemmija hawn fuq għandu jiġi kkalkulat mid-Direttur Eżekuttiv. *Id-data* kollha ta' hawn fuq se tiġi ddistribwita lill-Membri fil-ħin li fih isiru l-kalkoli.

4. Fil-każ ta' adegżjoni ta' Membru jew Membri wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, il-voti tagħhom għandhom jiġu ddeterminati skont il-kjavi tal-kalkolu skont il-paragrafi 2 u 3 hawn fuq. Il-voti tal-Membri eżistenti għandhom jiġu kkalkulati mill-ġdid kif xieraq sabiex it-total tal-voti jibqa' ta' 2000.
5. Fil-każ tal-ħruġ ta' Membru jew Membri, il-voti tal-Membri jew il-Membri li joħorġu għandhom jitqassmu mill-ġdid lill-Membri li jibqgħu, abbażi tal-ishma kkalkulati mill-ġdid tal-ħames indikaturi tal-Membri sabiex it-total tal-voti tal-Membri kollha jibqa' 2000.
6. Arranġament tranżitorju:
 - (a) Għall-fini li jiġi stabbilit punt tat-tluq għall-kalkolu tal-aġġustamenti, is-Sħubija u s-sitwazzjoni tal-votazzjoni fis-sena 2022 se jkun punt ta' referenza.
 - (b) Matul l-ewwel ħames snin tal-perjodu ta' tranżizzjoni, l-għadd ta' voti ta' kull Membru ma jistax ikun aktar minn 15 % ogħla jew inqas minn dak miftiehem għas-sena preċedenti, u, fit-tieni ħames snin tal-perjodu ta' tranżizzjoni, l-għadd ta' voti ta' kull Membru ma jistax ikun aktar minn 20 % ogħla jew inqas minn daww miftiehma għas-sena preċedenti. Iċ-ċifri jistgħu jiġu ttondjati ħlief f'każijiet fejn l-ittondjar tal-għadd ta' voti allokatil lil Membru, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2(c), iwassal biex jinqabżu l-persentaġġi miftiehma.
 - (c) Għall-finijiet li tiġi stabbilita l-kontribuzzjoni għal kull vot, il-voti li ma jiġux allokatil minħabba l-applikazzjoni tal-paragrafu 6(b) hawn fuq ma għandhomx jitqassmu fost il-Membri l-oħra. Għalhekk, il-kontribuzzjoni għal kull vot se tiġi ddeterminata abbażi tal-għadd ta' voti ġenerali kkalkulati mill-ġdid, dment li dawn ma jaqbżux l-2000 vot.
 - (d) L-arranġament tranżitorju se jitlesta fi żmien 10 snin.

7. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 26, il-paragrafu 2 dwar is-sospensjoni mid-dritt għall-vot minħabba n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi, ma għandhomx japplikaw għal dan l-Artikolu.
8. Matul it-tieni nofs ta' kull sena, il-Kunsill għandu jadotta l-baġit amministrattiv tal-Organizzazzjoni għas-sena ta' wara u għandu jiddetermina l-kontribuzzjoni għal kull vot tal-Membri meħtieġa biex jintlaħaq dak il-baġit, wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.
9. Il-kontribuzzjoni ta' kull Membru għall-baġit amministrattiv għandha tiġi kkalkulata billi l-kontribuzzjoni għal kull vot tiġi mmultiplikata bl-għadd ta' voti li jkollu skont dan l-Artikolu, kif ġej:
 - (a) Għal dawk li jkunu Membri fiż-żmien tal-adozzjoni finali tal-baġit amministrattiv, l-għadd ta' voti li jkollhom dakinhar; kif ukoll
 - (b) Għal dawk li jsiru Membri wara l-adozzjoni tal-baġit amministrattiv, l-għadd ta' voti li jirċievu meta jissieħbu, aġġustat skont il-bqija tal-perjodu kopert mill-baġit jew mill-baġits; il-valutazzjonijiet li jsiru fir-rigward ta' Membri oħra ma għandhomx jinbidlu.
10. Il-Kunsill jista', permezz ta' votazzjoni speċjali, jieħu dik il-miżura li jqis xierqa sabiex jimmitiga l-effetti fuq il-kontribuzzjonijiet tal-Membri li jirriżultaw minn sħubija possibbilment limitata fiż-żmien tal-adozzjoni tal-baġit amministrattiv għall-2024 jew minn kwalunkwe tnaqqis kbir fis-sħubija minn hemm 'il quddiem.';

(4) L-Artikolu 32 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 32

Informazzjoni u studji

1. L-Organizzazzjoni għandha taġixxi bħala ċentru għall-ġbir u l-pubblikazzjoni ta' informazzjoni statistika u studji dwar il-prezzijiet, l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet, il-konsum u l-istokkijiet tal-prodotti taz-zokkor, kif ukoll it-taxxi fuq il-prodotti taz-zokkor u l-produzzjoni dinjija.
2. Il-membri jimpenjaw ruħhom li jipprovdu, fiż-żmien mogħti lilhom mir-regoli ta' proċedura, l-istatistika u l-informazzjoni kollha disponibbli li jkunu meħtieġa biex l-Organizzazzjoni tkun tista' twettaq il-funzjonijiet tagħha skont dan il-ftehim. Jekk dan ikun meħtieġ, l-Organizzazzjoni għandha tuża dik l-informazzjoni rilevanti li tista' tkun disponibbli għaliha minn sorsi oħra. L-Organizzazzjoni ma għandha tippublika l-ebda informazzjoni li tista' sservi biex jiġu identifikati l-operazzjonijiet tal-persuni jew tal-kumpaniji li jipproduċu, jipproċessaw jew jikkummerċjalizzaw il-prodotti taz-zokkor.";

(5) L-Artikolu 33 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 33

Evalwazzjoni tas-suq, konsum u statistika

1. Il-Kunsill għandu jistabbilixxi Kumitat dwar l-Evalwazzjoni tas-Suq tal-Prodotti taz-Zokkor, il-Konsum u l-Istatistika, magħmul mill-Membri kollha, taħt il-Prezidenza tad-Direttur Eżekuttiv.
2. Il-Kumitat għandu jżomm il-kwistjonijiet relatati mal-ekonomija dinjija tal-prodotti taz-zokkor taħt rieżami kontinwa u għandu jinforma lill-Membri dwar

ir-riżultat tad-deliberazzjonijiet tiegħu, għal liema skop għandu jorganizza laqgħat, normalment darbtejn fis-sena. Fir-rieżami tiegħu, il-Kumitat għandu jqis l-informazzjoni rilevanti kollha miġbura mill-Organizzazzjoni skont l-Artikolu 32.

3. Il-Kumitat għandu jwettaq il-ħidma fl-oqsma li ġejjin:
 - (a) It-tnejn tal-istatistika dwar il-prodotti taz-zokkor u l-analiżi statistika tal-produzzjoni, il-konsum, l-istokkijiet, il-kummerċ internazzjonali u l-prezzijiet tal-prodotti taz-zokkor;
 - (b) L-analiżi tal-imġiba tas-suq u l-fatturi li jaffettwawha, b'referenza speċjali għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-kummerċ dinji;
 - (c) L-analiżi tad-domanda għall-prodotti taz-zokkor, inklużi l-effetti tal-użu ta' kwalunkwe forma ta' sostituti naturali u artifiċjali għall-prodotti taz-zokkor fuq il-kummerċ dinji, u l-konsum tal-prodotti taz-zokkor;
 - (d) Kwistjonijiet oħra kif approvati mill-Kunsill.
4. Kull sena, il-Kunsill għandu jikkunsidra abbozz ta' programm ta' ħidma bil-quddiem, akkumpanjat mill-istimi tar-riżorsi meħtieġa, imħejji mid-Direttur Eżekuttiv.";

- (6) L-Artikolu 34 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 34

Riċerka u żvilupp

Sabiex jinkisbu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 1, il-Kunsill jista' jassisti kemm fir-riċerka xjentifika u l-iżvilupp fl-ekonomiji tal-prodotti taz-zokkor kif ukoll fit-tixrid tar-riżultati miksuba f'dan il-qasam. Għal dan il-għan, il-Kunsill jista' jikkoopera mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-istituzzjonijiet tar-riċerka bil-kundizzjoni li ma jkun hemm l-ebda obbligu finanzjarju addizzjonali min-naħa tal-Kunsill.";

- (7) it-titolu tal-**Anness** huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Allokazzjoni tal-voti miftiehma oriġinarjament fl-1992".